

il-Belġju-Brussell: SKŻ — Għajna teknika biex itejjeb l-Istrument ta' Djalogu Reġjonali (E-READI) bejn l-UE u l-ASEAN
OJ S 56/2017 21/03/2017
Avviż ta' kuntratt ta' servizz
Servizzi

Stati membri tal-ASEAN

1. **Ir-referenza tal-pubblikazzjoni:**
EuropeAid/137723/DH/SER/MULTI.
2. **Il-proċedura:**
Ristretta.
3. **It-titlu tal-programm:**
L-Istrument ta' Djalogu Reġjonali Mtejjeb (E-READI) bejn l-UE u l-ASEAN.
4. **L-iffinanzjar:**
DCI-ASIE/2014/37572.
5. **L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt:**
l-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea f'isem u għall-istati membri benefiċjarji tal-ASEAN, irrappreżentati mis-Segretarjat tal-ASEAN, Brussels, IL-BELĠJU.

L-ispeċifikazzjoni tal-kuntratt

6. **It-tip ta' kuntratt:**
Bil-ħlas ta' miżata.
7. **It-tifsira tal-kuntratt:**
L-oġettiv ġenerali tal-faċilità E-READI hu li tappoġġja l-integrazzjoni tal-ASEAN mat-tnaqqis tal-faqar bħala l-prinċipju fundamentali ewlieni. L-iskop tal-faċilità hu li tappoġġja l-implimentazzjoni tal-'blueprints' tal-komunità tal-ASEAN, il-bini fuq l-esperjenza u t-teknika Ewropea permezz ta' djalogu dwar il-politika settorjali (fuq il-livelli kollha u inklużi l-istituzzjonijiet demokratiċi u s-soċjetà ċivili) għaldaqstant tappoġġja l-proċessi tal-iżvilupp tal-politika f'oqsma ta' interess konġunt, u l-provvista ta' trawwim tal-ħila li jkopri t-3 pilastru tal-komunità tal-ASEAN.
Il-faċilità se tkopri t-3 pilastru tal-komunità tal-ASEAN:
(1) Il-pilastru tas-sigurtà u l-politika tal-ASEAN, inkluż iżda mhux limitat għad-drittijiet umani, il-kooperazzjoni marittima, il-paċi u r-rikonċiljazzjoni;
(2) il-pilastru ekonomiku tal-ASEAN, inkluż iżda mhux limitat għax-xjenzi u t-teknoloġija, it-TIK, l-enerġija, l-aspetti rrelatati mal-kummerċ mhux koperti minn proġetti oħrajn bejn l-UE u l-ASEAN; u
(3) il-pilastru soċjo-kulturali tal-ASEAN, inkluż iżda mhux limitat għall-bidla fil-klima, l-immaniġġjar tad-diżastri, l-ambjent, l-edukazzjoni, il-ħidma favur il-ksib tal-miri tal-iżvilupp sostenibbli; u wkoll l-appoġġ lir-riflessjoni dwar kif jistgħu jiġu mdejqa l-lakuni tal-iżvilupp bejn il-pajjiżi l-iżjed żviluppanti tal-ASEAN u l-membri iżjed ġodda tiegħu (il-Kambodja, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Laos, il-Myanmar /Burma u l-Vjetnam — CLMV).
8. **In-numru u l-ismijiet tal-lottijiet:**
lott 1 biss.
9. **L-ogħla baġit:**
EUR 10 000 000.

10. Il-possibbiltà li jingħataw servizzi addizzjonali:

L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt tista', jekk tħoss li għandha tagħmel dan, tkabbar il-proġett f'dak li għandu x'jaqsam mat-tul u/jew f'dak li għandu x'jaqsam mal-għan, skont jekk ikunx hemm fondi sal-ammont stmat ta' madwar EUR 9 000 000. Kull tiġdid tal-kuntratt ikun suġġett għat-twettiq xieraq tal-kuntratt mill-kuntrattur.

Il-kundizzjonijiet għas-sehem

11. L-eliġibbiltà:

Jistgħu jieħdu sehem il-persuni naturali kollha li huma ċittadini u persuni legali (li qegħdin jieħdu sehem jew b'mod individwali jew fi grupp — konsorzju — ta' dawk li jitfgħu l-offerti) li huma mwaqqfa b'mod effettiv fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew f'pajjiż jew territorju li jikkwalifika kif imfisser taħt ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11.3.2014 li jniedi regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-azzjoni esterna (CIR) għall-istrument li jgħodd li taħtu huwa ffinanzjat il-kuntratt (ara ukoll it-titlu 29 ta' hawn taħt). Jistgħu jieħdu sehem ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali.

12. Il-kandidatura:

Jistgħu japplikaw il-persuni naturali u legali kollha li jikkwalifikaw (skont il-punt 11 hawn fuq) jew gruppi ta' dawn il-persuni (konsorzji).

Konsorzju jista' jkun grupp permanenti mwaqqaf legalment jew grupp li twaqqaf b'mod informali għal xi proċedura speċifika tas-sejħa għall-offerti. Il-membri kollha ta' konsorzju (i.e., il-kap u l-membri l-oħra kollha) huma responsabbli flimkien u individwalment lejn l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt.

Jekk tiegħu sehem persuna naturali jew legali li ma tikkwalifikax (skont punt 11) dan iwassal biex dik il-persuna titkeċċa fil-pront. B'mod partikulari, jekk dik il-persuna li ma tikkwalifikax hija parti minn konsorzju, se jitwarrab il-konsorzju kollu.

13. L-għadd ta' applikazzjonijiet:

Ma tistax issir iktar minn applikazzjoni 1 minn persuna naturali jew legali hu x'inhu t-tip tas-sehem tagħha (bħala entità legali individwali jew bħala kap jew membru ta' konsorzju li qiegħed iressaq applikazzjoni). F'każ li persuna naturali jew legali tiffa' iktar minn applikazzjoni 1 jitwarrbu l-applikazzjonijiet kollha li dik il-persuna tkun ħadet sehem fihom.

14. Dawk li jitniżżlu fil-lista mqassra ma jistgħux jingħaqdu flimkien:

Kwalunkwe offerta li tasal mingħand dawk li jitfgħu l-offerti, li tinkludi kumpaniji differenti minn dawk imsemmija fil-formoli tal-applikazzjoni mniżżla fil-lista mqassra, se titwarrab minn din il-proċedura ristretta tas-sejħa għall-offerti sakemm ma tinkisibx l-approvazzjoni minn qabel mingħand l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt (ara l-'Gwida Prattika' — il-PRAG 2.4.3). Il-kandidati li jitniżżlu fil-lista mqassra ma jistgħux jingħaqdu bejniethom jew jagħtu sottokuntratti lil xulxin għall-kuntratt li għandu x'jaqsam.

15. Ir-raġunijiet għat-twarrib:

Bħala parti mill-formola tal-applikazzjoni, il-kandidati għandhom jagħtu stqarrija ffirmata, inkluża fil-formola standard tal-applikazzjoni, li turi li mhumiex f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet tat-twarrib imniżżla fit-Taqsima 2.3.3 tal-PRAG.

16. Is-sottokuntrattar:

Jista' jsir sottokuntrattar.

17. L-għadd ta' kandidati li se jitniżżlu fil-lista mqassra:

Fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet li jaslu, minn 4 sa 8 kandidati se jkunu mistiedna jifgħu offerti ddettaljati għal dan il-kuntratt. Jekk l-għadd ta' kandidati eliġibbli li jilħqu l-kriterji tal-għażla huwa inqas minn 4, l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt tista' tistieden lill-kandidati li jilħqu il-kriterji għat-tfiġh tal-offerti.

Orarju proviżorju

18. Id-data proviżorja tal-istedina għall-offerti:

5.5.2017.

19. Id-data proviżorja ta' meta għandu jibda l-kuntratt:

1.8.2017.

20. Il-perijodu tal-bidu għall-implimentazzjoni tax-xogħlijiet:

48 xahar.

Il-kriterji tal-għażla u tal-għoti

21. Il-kriterji tal-għażla:

Il-kriterji tal-għażla li ġejjin se jkunu jgħoddu għall-kandidati. Fil-każ li l-applikazzjonijiet jintefgħu minn konsorzju, dawn il-kriterji tal-għażla se japplikaw għall-konsorzju kollu, dejjem jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor. Il-kriterji tal-għażla mhux se jgħoddu għall-persuni naturali u l-kumpaniji b'membru wieħed meta huma sottokuntratturi:

1) Il-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-kandidat (imsejsa fuq it-3 punt tal-formola tal-applikazzjoni). F'każ li l-kandidat ikun korp pubbliku, għandu jiġi pprovdut tagħrif ekwivalenti. Il-perijodu ta' referenza li se jiġi kkunsidrat se jkun l-aħħar 3 snin li għalihom il-kontijiet ingħalqu:

Il-kriterji għall-persuni legali u naturali:

1. id-dħul medju annwali tal-kandidat għandu jkun ta' aktar mill-baġit annwali tal-kuntratt (i.e., l-ogħla baġit imsemmi fl-avviż tal-kuntratt diviżi bit-tul tal-bidu taż-żmien fi snin) EUR 2 500 000;

2. il-proporzjon kurrenti (assi kurrenti/dejn kurrenti) fl-aħħar sena li għaliha ngħalqu l-kontijiet irid ikun mill-inqas wieħed (1). F'każ ta' konsorzju dan il-kriterju għandu jintlaħaq minn kull membru.

2) Il-ħila professjonali tal-kandidat (imsejsa fuq ir-4 u l-5 punt tal-formola tal-applikazzjoni). Il-perijodu ta' referenza li se jitqies se jkun l-aħħar 5 snin mid-data tal-għeluq għat-tfiġh tal-offerti:

Il-kriterji għall-persuni legali u naturali:

1. mill-inqas 15-il impjegat bħalissa qegħdin jaħdmu għall-kandidat din is-sena (l-2017) f'oqsma marbuta ma' dan il-kuntratt.

2. mill-inqas 5 impjegati li bħalissa qegħdin jaħdmu għall-kandidat (l-2017) f'oqsma marbuta ma' dan il-kuntratt huma permanenti.

3) Il-ħila teknika tal-kandidat (imsejsa fuq il-5 u s-6 punt tal-formola tal-applikazzjoni). Il-perijodu ta' referenza li se jitqies se jkun l-aħħar 5 snin mid-data tal-għeluq għat-tfiġh tal-offerti:

Il-kriterji għall-persuni legali u naturali:

1. il-kandidat ipprova servizzi taħt mill-inqas kuntratt 1 b'baġit ta' mill-inqas 80 % ta' dan il-kuntratt li kien implimentat f'kull ħin matul il-perijodu ta' referenza: 21.4.2012–20.4.2017;

2. il-kandidat kien involvut f'mill-inqas żewġ (2) proġetti ta' integrazzjoni reġjonali li ġew implimentati fi kwalunkwe żmien matul il-perijodu li ġej: 21.4.2012–20.4.2017;

3. il-kandidat ħadem b'suċċess fuq mill-inqas żewġ (2) proġetti ta' għajjnuna teknika fl-Asja li ġew implimentati fi kwalunkwe żmien matul il-perijodu li ġej: 21.4.2012–20.4.2017.

Dan ifisser li l-proġetti li jirreferi għalihom il-kandidat setgħu nbdew jew tlestew f'kull waqt matul il-perijodu msemmi iżda mhux bilfors iridu jkunu nbdew u tlestew matul dak il-perijodu, u lanqas ma jridu jkunu implimentati matul il-perijodu kollu. Il-kandidati/dawk li jifgħu l-offerti jistgħu jirreferu għal kuntratti li tlestew matul il-perijodu ta' referenza (għalkemm ikunu nbdew qabel) jew għal proġetti li

għadhom ma tlestewx. Fl-ewwel każ, il-proġett se jitqies kollu kemm hu jekk tingħata prova xierqa tat-twerttiq tax-xogħol (stqarrija jew ċertifikat mingħand l-entità li tat il-kuntratt, prova tal-filas aħħari). Fil-każ ta' proġetti li għadhom għaddejjin se titqies dik il-parti li tlestiet b'suċċess matul il-perijodu ta' referenza. Din il-parti se jkollha tiġi appoġġjata minn prova dokumentarja (bħal fi proġetti li tlestew) billi jingħata l-valur tagħha. Jekk kandidat/min qiegħed jiffa' l-offerta implimenta l-proġett bħala parti minn konsorzju, il-persentaġġ li l-kandidat/min qiegħed jiffa' l-offerta temm b'suċċess għandu joħroġ b'mod ċar mill-provi permezz tad-dokumenti, flimkien ma' deskrizzjoni tal-bixra tas-servizzi li ngħataw jekk intużaw il-kriterji tal-għażla marbuta mal-importanza tal-esperjenza.

M'għandhiex tintuża esperjenza miksuba qabel bħala referenza jekk din wasslet biex jinkisru t-termini tal-kuntratt u biex il-kuntratt jintemm mill-awtorità li ħarġet il-kuntratt.

Operatur ekonomiku jista', fejn huwa xieraq u għal kuntratt partikolari, iserraħ fuq il-ħiliet ta' entitajiet oħrajn, mingħajr ma titqies in-natura legali tar-rabtiet li għandu magħhom. F'dak il-każ għandu jagħti prova lill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt li se jkollu f'idej ir-riżorsi meħtieġa biex iwettaq il-kuntratt, pereżempju, billi jagħti garanzija li turi li dawk l-entitajiet se jgħaddulu r-riżorsi tagħhom. Dawn l-entitajiet, ngħidu aħna l-kumpanija ewlenija tal-operatur ekonomiku, għandhom iħarsu l-istess regoli tal-eliġibbiltà — l-iktar dawk tan-nazzjonalità — u jridu jilħqu l-istess kriterji tal-għażla rilevanti bħal tal-operatur ekonomiku. Fir-rigward tal-kriterji tekniċi u professjonali, operatur ekonomiku jista' jistrieħ biss fuq il-ħiliet ta' entitajiet oħra fejn dawn tal-aħħar se jwettqu x-xogħlijiet jew is-servizzi li għalihom dawn il-ħiliet huma meħtieġa. Fir-rigward tal-kriterji ekonomiċi u finanzjarji, l-entitajiet li fuq il-ħiliet tagħhom se jistrieħ dak li jiffa' l-offerta, se jsiru flimkien u individwalment responsabbli għat-twerttiq tal-kuntratt.

Jekk ikun hemm iktar minn 8 kandidati li jilħqu l-kriterji tal-għażla msemmija hawn fuq, il-ħiliet u n-nuqqasijiet relattivi tal-applikazzjonijiet ta' dawn il-kandidati se jingħarblu mill-ġdid biex jintgħażlu l-aqwa 8 kandidati. Matul dan l-eżami mill-ġdid se jkunu meqjusa dawn il-fatturi biss:

1. L-oġġla numru ta' proġetti fil-kriterju 21.3)1.

Wara l-applikazzjoni tal-kriterju addizzjonali 1), jekk aktar minn 8 kandidati eliġibbli għandhom jilħqu l-kriterju t'hawn fuq, il-kriterju li ġej se jiġi applikat:

2. L-oġġla valur tal-proġetti fil-kriterju 21.3)1.

22. Il-kriterji tal-għoti:

L-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità.

L-applikazzjoni

23. Id-data tal-għeluq għall-wasla tal-applikazzjonijiet:

nhar il-21.4.2017 (fit-15:00), ħin ta' Jakarta.

Kwalunkwe applikazzjoni li tasal għand l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt wara din id-data tal-għeluq mhix se titqies.

24. L-għamla tal-applikazzjoni u d-dettalji li għandhom jingħataw:

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu billi tintuża l-formola standard tal-applikazzjoni, li l-għamla u l-istruzzjonijiet tagħha jridu jitħarsu bir-reqqa. Il-formola tal-applikazzjoni tista' tinkiseb minn fuq l-Internet fl-indirizz li ġej:

<http://ec.europa.eu/europeaid/prag/annexes.do?chapterTitleCode=B>

L-applikazzjoni jrid ikun fiha stqarrija fuq l-unur dwar il-kriterji tat-twarrib u l-għażla, bl-użu tal-mudell li jista' jinstab fl-indirizz tal-Internet li ġej:

<http://ec.europa.eu/europeaid/prag/annexes.do?chapterTitleCode=A>

Kull dokumentazzjoni addizzjonali (fuljett, ittra, eċċ.) mibgħuta mal-applikazzjoni mhix se titqies.

25. Kif għandhom jintbagħtu l-applikazzjonijiet:

L-applikazzjonijiet għandhom isiru bl-Ingliż u jintbagħtu biss lill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt f'envelopp issiġillat:

- jew permezz ta' posta rreġistrata (servizz uffiċjali tal-posta) lil:

Finance and Contracts Section, The Delegation of the European Union to Indonesia and Brunei Darussalam, Intiland Tower, 16th floor, Jl. Jend Sudirman 32, Jakarta 10220, L-INDONEŻJA.

F'dan il-każ, ir-rekord tal-kunsinna hu l-prova tal-qbil mal-limitu taż-żmien għall-wasla,

- jew imwassla bl-idejn (inklużi s-servizzi ta' kurrier) dritt lill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt u li għaliha tingħata rċevuta ffirmata u bid-data lil:

Finance and Contracts Section, The Delegation of the European Union to Indonesia and Brunei Darussalam, Intiland Tower, 16th floor, Jl. Jend Sudirman 32, Jakarta 10220, L-INDONEŻJA.

F'dan il-każ, l-għarfien tal-wasla hu l-prova tal-qbil mal-limitu taż-żmien għall-wasla.

L-isem tal-kuntratt u r-referenza tal-pubblikazzjoni (ara punt 1 hawn fuq) għandhom jitniżżlu b'mod ċar fuq l-envelopp li jkun fih l-applikazzjoni u dejjem għandhom jissemmew fil-korrispondenza kollha li ssir wara mal-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt.

L-applikazzjonijiet mibgħuta b'mezzi oħra ma jkunux ikkunsidrati.

Meta jitfgħu applikazzjoni l-kandidati jaqblu li jirċievu avviż dwar ir-riżultat tal-proċedura permezz ta' mezzi elettroniċi. Dan l-avviż għandu jkun meqjus li wasal fid-data li fiha l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt tibagħtu lill-indirizz elektroniku msemmi fl-applikazzjoni.

26. Tibdil jew tneħħija tal-applikazzjonijiet:

Il-kandidati jistgħu jbiddu jew jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom billi javżaw bil-miktub qabel id-data tal-għeluq għat-tfiġh tal-applikazzjonijiet. L-ebda applikazzjoni ma tista' tinbidel wara din id-data tal-għeluq.

Kull avviż dwar xi tibdil jew irtirar tal-applikazzjoni għandu jitthejja u jintbagħat skont punt 25. Fuq l-envelopp ta' barra (u, jekk jintuża, l-envelopp ta' ġewwa li jkollu x'jaqsam) għandhom jitniżżlu 'Alteration' jew 'Withdrawal' kif xieraq.

27. L-ilsien użat:

Il-komunikazzjoni kollha bil-miktub għal din il-proċedura tas-sejħa għall-offerti u l-kuntratt trid tkun bl-Ingliż.

28. Id-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' tagħrif minn qabel:

Il-ĠU [2015/S 248-450605](#) tat-23.12.2015.

29. Il-bażi legali:

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11.3.2014 li jqiegħed fis-seħħ regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-iffinanzjar tal-azzjoni esterna u r-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11.3.2014 li jwaqqaf strument finanzjarju għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp għall-perijodu bejn l-2014 u l-2020.

30. Tagħrif addizzjonali:

Il-ħinijiet tal-ftuħ tal-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt huma mit-8:00 sal-16:30.